DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 200119** **29.01.2020**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Laqgħa għas-sindki fil-Parlament ta' Malta***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia mexxa t-tieni laqgħa għas-sindki fil-Parlament ta' Malta.

L-aġenda għad-diskussjoni kienet tittratta dwar l-implimentazzjoni tar-riforma fil-gvern lokali, aktar involviment taċ-ċittadini fil-proċess ta' governanza Lokali, komunitajiet aktar b'saħħithom permezz ta' inizjattivi mill-kunsilli lokali, il-kunsilli lokali bħala protagonisti fil-preservazzjoni u protezzjoni tal-ambjent sabiex ikollna ambjent sostenibbli, kunsilli lokali proattivi biex jilqgħu għall-isfidi ta' ċittadini extra-komunitarji u biex jintegraw l-istess persuni, u l-irwol tal-kunsilli reġjonali.

Fl-indirizz tiegħu, l-Ispeaker tkellem dwar l-operat tal-kunsilli lokali bħala mezz importanti sabiex nagħrfu naħdmu u nikkoperaw flimkien bħala komunità u familja waħda. Dwar ir-riforma tal-gvern lokali u l-governanza tajba, hu saħaq fuq ir-responsabilità kollettiva tas-sindki u l-kunsilliera fit-tħaddim u fl-użu tal-fondi pubbliċi fdati lilhom sabiex jagħmlu l-aħjar użu għal benefiċċju tal-lokalità. Fir-rigward tas-sehem taċ-ċittadini fit-tmexxija tal-ibliet u l-irħula tagħna, l-Ispeaker tkellem dwar importanza ta' ċittadini attivi kemm fil-livell lokali kif ukoll dak nazzjonali. Hu tal-fehma li dan għandu jsaħħaħ id-demokrazija f'pajjiżna. Dwar l-awtonomija tal-gvern lokali, l-Ispeaker saħaq dwar id-dritt li dawk fit-tmexxija lokali jħarsu l-interessi tal-komunità tagħhom. Kull awtorità u entità pubblika għandha tagħraf u tirrispetta l-awtonomija ta' kull komunità li tħares l-interessi tagħha.

Din il-konferenza ġiet indirizzata wkoll mill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali José Herrera, , is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Persuni b'Diżabilità Silvio Parnis, u l-Membri Parlamentari Glenn Bedingfield, Robert Cutajar, u Karl Gouder.

**Attachments: photos** **Page: 1 of 1**